APPEAL AND COMPLAINT PROCEDURES

*PROĊEDURI TA' APPELL U TA' LMENTI*

Il-kandidati li jipparteċipaw fi proċedura tal-għażla jistgħu jitolbu feedback dwar il-prestazzjoni tagħhom fit-test bil-miktub, fit-testijiet addizzjonali u fl-intervisti. Kandidat li jqis li l-proċedura ġiet implimentata b'mod żbaljat u/jew sar żball f'xi stadju tal-proċedura ta' valutazzjoni jista' jitlob li jsir rieżami tal-applikazzjoni tiegħu, u jista' jressaq ilment jew appell. Għal dan il-għan, jista' jissottometti talba għal rieżami, mhux aktar tard minn 20 jum kalendarju minn meta jirċievi l-email li tkun informatu bir-rifjut tal-applikazzjoni tiegħu/tagħha. It-talba għar-rieżami għandha tikkwota r-referenza tal-proċedura tal-għażla kkonċernata u għandha ssemmi b'mod ċar il-kriterju/kriterji ta' eliġibbiltà mitlub(in) sabiex jiġi/jiġu kkunsidrat(i) mill-ġdid kif ukoll ir-raġunijiet tat-talba għal rieżami.

Din it-talba għandha tiġi indirizzata lill-President tal-kumitat tal-għażla bl-użu tal-kaxxa postali ddedikata tal-Aġenzija (jobs@era.europa.eu).
Il-kandidat għandu jiġi informat, fi żmien 15-il jum kalendarju wara l-wasla tat-talba tiegħu/tagħha, bid-deċiżjoni tal-Kumitat tal-Għażla dwar il-kwistjoni.

| | |
|---|---|
| Jekk kandidat jaħseb li jkun/tkun ġie(t) affettwat(a) b'mod negattiv minn deċiżjoni partikolari, hu/hi jista'/tista' jressaq/tressaq ilment amministrattiv skont l-Artikolu 90(2) tar-Regolamenti tal-Persunal għall-Uffiċjali u l-Kundizzjonijiet tal-impjieg ta' aġenti oħrajn tal-Unjoni Ewropea, fl-indirizz li ġej:<br><br>The Executive Director of the<br>European Union Agency for Railways<br>120, rue Marc Lefrancq<br>FR - 59300 Valenciennes<br><br>L-ilment irid jitressaq fi żmien 3 xhur minn meta l-kandidat jiġi nnotifikat bl-att li affettwah/a b'mod negattiv.<br><br>Jekk l-ilment jiġi rrifjutat, il-kandidat jista' jiftaħ kawża skont l-Artikolu 270 tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea u l-Artikolu 91 tar-Regolamenti tal-Persunal għall-Uffiċjali u l-Kundizzjonijiet tal-Impjieg Applikabbli għall-Aġenti l-Oħrajn tal-Komunitajiet Ewropej quddiem:<br>Il-Qorti Ġenerali tal-Unjoni Ewropea<br>http://curia.europa.eu/<br><br>Jekk jogħġbok innota li l-AACC ma għandhiex is-setgħa li temenda d-deċiżjonijiet ta' Kumitat tal-Għażla. Il-Qorti affermat b'konsistenza li d-diskrezzjoni wiesgħa li jgawdi minnha l-Kumitat tal-Għażla ma hijiex soġġetta għal rieżami mill- | Huwa wkoll possibbli li wieħed jippreżenta lment quddiem l-Ombudsman Ewropew skont l-Artikolu 228(1) tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea u f'konformità mal-kundizzjonijiet stipulati fid-Deċiżjoni tal-Parlament Ewropew tad-9 ta' Marzu 1994 dwar ir-regolamenti u l-kundizzjonijiet ġenerali li jirregolaw il-qadi tad-dmirijiet tal-Ombudsman, ippublikati f'Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea L 113 tal-4 ta' Mejju 1994:<br><br>European Ombudsman<br>1, Avenue du Président Robert Schuman – CS 30403<br>FR - 67001 Strasbourg Cedex<br>http://www.ombudsman.europa.eu<br><br>Jekk jogħġbok innota li l-ilmenti mressqa quddiem l-Ombudsman ma għandhom l-ebda effett sospensiv fuq il-perjodu stabbilit fl-Artikoli 90(2) u 91 tar-Regolamenti tal-Persunal għall-Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea għat-tressiq, rispettivament, ta' lment jew appell quddiem il-Qorti Ġenerali tal-Unjoni Ewropea skont l-Artikolu 270 tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea |

| | |
|---|---|
| Qorti sakemm ma jsirx ksur ta’ regoli li jirregolaw il-proċeduri tal-Kumitati tal-Għażla. | |